NATIONAL STATISTICS OFFICE • MALTA

13 ta' Frar, 2019

**Stqarrija dwar il-figuri dwar l-immigrazzjoni u l-popolazzjoni**

B'referenza għall-editorjal bl-isem "Gvern bla pjan jikkawża l-kriżi fil-qasam edukattiv" li deher fil-gazzetta *In-Nazzjon* nhar l-Erbgħa 13 ta' Frar, 2019 l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika jixtieq jikkjarifika li hija prassi normali li kull tant żmien isiru reviżjonijiet fil-metodoloġija li bihom tinħadem l-istatistika.

Fejn jidħlu l-figuri tal-popolazzjoni, qabel saru r-reviżjonijiet fl-2017, kienu saru reviżjonijiet fl-2012, wara ċ-Ċensiment tal-Popolazzjoni u tad-Djar. Dawn tal-aħħar saru sabiex ġie aġġornat il-perjodu bażi li kien jirrifletti l-popolazzjoni inkluża f'dan iċ-Ċensiment.

L-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika huwa marbut bil-Kodiċi ta' Prattika tal-Istatistika Ewropeja – l-istess waħda li jimxi magħha l-Eurostat kif ukoll l-Uffiċċji Nazzjonali oħra tal-Istati Membri. Għaldaqstant kull Uffiċċju Nazzjonali huwa obbligat li jtejjeb ir-riżorsi, proċessi u r-riżultati tiegħu.

Reviżjonijiet fl-istima tal-popolazzjoni jsiru mill-pajjiżi għall-raġunijiet differenti fosthom bdil fil-mudell ta' kif titkejjel il-migrazzjoni, użu ta' sistemi u *databases* ġodda, kif ukoll data amministrattiva li ma tkunx disponibbli fil-ħin tal-pubblikazzjoni. Għaldaqstant, ir-reviżjonijiet f'każijiet bħal dawn huma indispensabbli sabiex wieħed jinkludi data aktar inklussiva u kompluta.

Reviżjonijiet bħal dawn ma jistgħux isiru mil-lum għal għada. L-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika beda l-proċess ta' reviżjoni fl-istima tal-popolazzjoni sentejn ilu, wara li ġew konsulenti u esperti anke mill-Eurostat innifsu kif ukoll rappreżentanti ta' Uffiċċji Nazzjonali oħra tal-Istati Membri li kienu qed jiffaċċjaw problemi simili.

Ta' min isemmi ukoll li, bħal ma nstqarr fin-noti tal-metodoloġija, l-istima tal-popolazzjoni tinkludi persuni definiti bħala *usual residents.* Dan ifisser li l-istima tinkludi persuni li jgħixu f'Malta b'mod kontinwu għal mill-anqas sena matul il-perjodu ta' referenza.

L-għan tal-metodu l-ġdid huwa li:

a. Jitfa' dawl fuq iċ-ċaqliq ta' persuni matul iż-żmien;
b. Janalizza data tal-passat li tippermetti l-aġġornament fl-istimi demografiċi; u
c. Li jindirizza problemi fil-kwalità minħabba użu ta' data minn reġistri differenti.

Informazzjoni dettaljata dwar ir-reviżjoni tal-2017 flimkien mal-figuri aġġornati kienet ippubblikata fi *News Release* numru 022/2018 li l-Uffiċċju ppubblika fit-12 ta' Frar 2018.

Nibqgħu disponibbli għal kjarifiki oħrajn jekk ikun hemm bżonn.

Etienne Caruana
Aġent Direttur Ġenerali